**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. MĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 941/2017 MS*

**Vincent Vella**

**Vs.**

**HSBC Bank Malta plc**

Illum, 18 ta' Marzu, 2024

Kawża Numru:3

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attur fit-13 t'Ottubru 2017, li bih wara li ppremetta illi l-attur dawn l-aħħar snin kien ħa diversi faċilitajiet u self mingħand il-bank kummerċjali HSBC Bank Malta plc; u illi l-attur kien waqa' lura fil-pagamenti u għalhekk kien ippropona li jbiegħ il-villa tiegħu li kellu f'Santa Marija Estate fi Triq Għajn Żejtuna fil-Mellieħa bl-isem Marlou u numru 31 sabiex ikun jista' jħallas dak li kien dovut lis-soċjetà konvenuta; u illi l-bank dam jittrateni l-bejgħ ta' din il-proprjetà sabiex jibqa' jgawdi l-interessi li kienu qed jakkumulaw fuq is-self u l-faċilitajiet li kellu l-attur; u illi finalment fit-23 ta' Novembru 2011, l-attur ta b'*datio in solutum* il-

proprjetà hawn fuq imsemmija lill-konvenuta stess u dan għas-saldu ta' dak kollu li kien dovut; u illi din il-villa kellha tagħmel tajjeb għas-somma ta' tmien mitt elf Ewro (€800,000) għalkemm fil-verità kienet tiswa ferm iktar minn hekk; u illi meta l-attur għamel il-kalkoli tiegħu, huwa sab li l-konvenuta kellha tieħu ferm inqas minn din is-somma; u illi għalhekk jidher ċar li l-konvenuta HSBC Bank Malta plc abbużat mis-sitwazzjoni finanzjarja tal-attur u għamlet arrikkiment inġustifikat għad-dannu tiegħu; u illi l-konvenuta HSBC Bank Malta plc ma kellhiex dritt iżżomm flus aktar minn dak li kien dovut lilha; u illi għalkemm l-attur interpella lill-konvenuta diversi drabi biex tħallas lura l-bilanċ, l-konvenuta HSBC Bank Malta plc baqgħet inadempjenti; u illi għalhekk l-attur kellu jressaq din il-kawża ħalli l-konvenuta tħallas dak li ma kienx dovut lilha; għadda biex jitlob lil din il-qorti, previa kwalsiasi dikjarazzjoni jew provvediment li jogħġobha tagħti, (i) tiddikjara li l-attur meta ta b'*datio in solutum* il-villa bl-isem Marlou, fi Triq iż-Żejtuna, Mellieħa u dan għas-saldu ta' dak kollu li kien dovut lill-konvenuta, huwa ħallas aktar minn dak li kien dovut lill-konvenuta; (ii) tiddikjara li l-konvenuta HSBC Bank Malta plc arrikkiet ruħha b'mod mhux ġustifikat b'din it-tranżazzjoni *datio in solutio*; (iii) tillikwida l-ħlas żejjed li għamel l-attur lill-konvenuta; (iv) konsegwentement tordna lill-konvenuta tħallas lill-attur s-somma hekk likwidata u dan f'terminu qasir u perentorju bl-interessi skont il-liġi, bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċċjali bin-numru 1245/2017;

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-Bank konvenut, preżentata fit-13 ta' Novembru 2017[1], li biha eċċepixxa (i) illi preliminarjament l-azzjoni tentata mir-rikorrenti hija perenta bit-trapass ta' sentejn ai termini tal-artikolu 1027 kif applikat skont l-artikolu 2137 u fin-nuqqas bit-trapass ta' ħames snin skont l-artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili; (ii) illi subordinatament it-talbiet huma insostenibbli għaliex ma ntalbitx ir-rexxissjoni tal-kuntratt pubbliku atti Nutar Tonio Spiteri tat-23 ta' Novembru 2011 li permezz tiegħu ir-rikorrenti ittrasferixxa proprjetà b'*datio in solutum* kif ukoll ta' tliet kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Nicholas Briffa fit-12 ta' Mejju 2009 versu s-somma ta' €691,944.70 bl-imgħaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mit-13 ta' Mejju 2009 sat-23 ta' Novembru 2011 liema data hija d-data tal-pagament effettiv; (iii) illi mingħajr preġudizzju għal fuq espost it-tieni talba hija insostenibbli ai termini tal-artikolu 1028B tal-Kapitolu 16; (iv) illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-

[1] A folio 27.

meritu, il-kreditu tal-Bank konvenut ġie rikonoxxut u kanonizzat permezz ta' tliet kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Nicholas Briffa fit-12 ta' Mejju 2009 versu s-somma ta' €691,944.70 bl-imgħaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mit-13 ta' Mejju 2009 sat-23 ta' Novembru 2011 liema data hija d-data tal-pagament effettiv. Għalhekk bl-imgħax akkumulat fil-mument tat-tpaċija s-somma dovuta kienet tiżboq bil-kbir dak li kien dovut mill-attur; salvi eċċezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjeż.

3. Rat ix-xiehda kollha prodotta u d-dokumenti kollha eżebiti, flimkien mal-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

4. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet preżentata tardivament mill-attur;

5. Rat ukoll li l-kawża tħalliet għal-lum għall-prolazzjoni tas-sentenza.

Ikkunsidrat:

6. Illi l-fatti jistgħu jiġu brevement riepilogati kif ġej. L-attur kien midjun mal-Bank konvenut, u dan kemm bħala debitur prinċipali u kemm bħala garanti solidali tas-soċjetà Adventure Camping & Leisure Limited. Kemm hu hekk, wara xi żmien li sar dan id-dejn, l-attur kien daħal fi tliet kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu mal-Bank konvenut, ilkoll riċevuti min-Nutar Pubbliku Nicholas Briffa fit-12 ta' Mejju 2009. Id-dejn baqa' ma tħallasx, sakemm eventwalment sar kuntratt fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri fit-23 ta' Novembru, 2011[2], li bih l-attur biegħ il-villa tiegħu fil-Mellieħa lill-Bank konvenut bil-prezz ta' €800,000, liema prezz ġie ddikjarat li qed jiġi applikat għas-saldu tad-djun dovuti mill-attur lill-Bank. Fl-aħħar parti ta' dan il-kuntratt, il-Bank konvenut ta l-kunsens tiegħu għall-kanċellament ta' numru ta' iskrizzjonijiet ipotekarji magħmula kontra l-attur u kontra s-soċjetà Adventure Camping & Leisure Limited, u ddikjara li ma kellu ebda pretensjoni oħra kontra l-attur u l-imsemmija soċjetà naxxenti mill-kuntratti msemmija fl-istess att. Żmien wara, peress li l-attur baqa' perpless għaliex skont hu l-flus li kellu jagħti lill-Bank konvenut kienu ferm inqas mill-valur tal-villa tiegħu[3], l-attur kien fittex u ingħata parir li d-debitu tiegħu versu l-Bank konvenut kien

[2] Kopja eżebita a folio 8.
[3] Ara x-xiehda ta' Dr Charles Attard, a folio 91.

inqas mill-valur ta' €800,000 indikat fil-kuntratt ta' trasferiment tal-proprjetà, u li kien dovut lilu rimbors mill-Bank konvenut[4]. Għalhekk l-attur ipproċeda b'din il-kawża.

7. Illi huwa tajjeb li jiġi rilevat illi, hekk kif riżultanti mir-relazzjoni tal-perit komputista li tinsab a folio 119 tal-atti proċesswali, kif ukoll minn xiehda oħra preżenti fl-istess atti, it-tilwima dwar il-bilanċ li kien dovut lill-Bank konvenut fit-23 ta' Novembru 2011 titnissel mill-kwistjoni dwar jekk l-imgħaxijiet dovuti mill-attur lill-Bank konvenut wara it-12 ta' Mejju 2009 (id-data meta saru it-tliet atti ta' kostituzzjoni ta' debitu) kellhomx ikunu kalkolati bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena, jew inkella bir-rata oriġinali tas-self li kienet inqas minn tmienja fil-mija fis-sena. Jekk l-ewwel ipoteżi, u ċjoè dik imħaddna mill-Bank konvenut, hija korretta, ikun ifisser li meta l-Bank tħallas bil-proprjetà tal-attur, tilef is-somma ta' €14,038.26. Jekk, min-naħa l-oħra, l-imgħaxijiet kellhom jiġu kalkolati bir-rata l-aktar baxxa, kif jippretendi l-attur, ikun ifisser li bit-trasferiment tal-proprjetà, l-attur ħallas żejjed is-somma ta' €30,667.68.

8. Esposti hekk fil-qosor il-fatti tal-każ, huwa opportun li qabel xejn jiġu epurati l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-Bank konvenut.

Ikkunsidrat:

9. Illi l-Bank konvenut qabel xejn jissolleva l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni skont l-artikolu 1027 tal-Kodiċi Ċivili. Din id-dispożizzjoni tgħid hekk:

> L-azzjoni biex jintalab lura dak li jkun ingħata mingħajr ma kien imiss, meta ma tkunx waqgħet bil-preskrizzjoni bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet miġjuba taħt it-titolu dwar il-preskrizzjoni, taqa' bil-preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn minn dak in-nhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-iżball

10. Din l-eċċezzjoni tippresupponi qabel xejn illi l-azzjoni tal-attur hija dik magħrufa komunement bħala *indebiti solutio*. Fil-fehma ta' din il-qorti, mingħajr dubju, fis-sostanza tagħha, l-azzjoni tal-attur hija proprju dik.

---

[4] Ara folio 5.

11. Dan qed jingħad minkejja l-fatt li fl-att promotur tal-kawża, l-attur juża kemm fil-premessi u kemm fit-talbiet tiegħu diversi permutazzjonijiet tal-frażi "arrikkiment inġustifikat", li effettivament jirreferu għal azzjoni kważi-kontrattwali oħra. Kif qalet tajjeb il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża ***Joseph Zammit et vs. Peter Paul Vella*** (28/4/2017): «*In-natura tal-azzjoni toħroġ mill-premessi u mit-talbiet, u mhux mid-definizzjonijiet li, tajjeb jew ħażin, jagħtu l-partijiet*».

12. Din il-qorti tqis illi l-oġġett tal-kawża magħmula mill-attur huwa ċar; l-attur ħallas dejn li kien dovut minnu, iżda jgħid li ħallas aktar milli kien imissu, u jrid ir-rimborż ta' dak imħallas żejjed. Din l-azzjoni allura hija proprju dik regolata mill-artikoli 1021 sa 1028 tal-Kodiċi Ċivili. Għalhekk l-azzjoni hija tassew dik tal-ħlas indebitu, u l-preskrizzjoni eċċepita mill-Bank konvenut a tenur tal-artikolu 1027 hija l-preskrizzjoni applikabbli għall-azzjoni attriċi. Din l-interpretazzjoni tal-azzjoni tal-attur hija wkoll l-aktar favorevoli għall-istess attur, billi hija norma pożittiva tal-liġi dik li tippreskludi l-azzjoni t'arrikkiment inġust fejn l-attur ikollu azzjoni oħra miftuħa għalih[5].

13. Tajjeb ukoll li jiġi osservat li l-fattispeċi ta' dan il-każ jirreferu għall-indebitu soġġettiv, maħsub taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1021 u 1022, u mhux għall-indebitu oġġettiv, maħsub fl-artikolu 1147, ilkoll tal-Kodiċi Ċivili. Kif jispjega ***Toullier***: «*Ma notate bene che questo diritto viene concesso sotto due condizioni, quando cioè la cosa pagata non era dovuta, e quando è stata pagata per errore*»[6]. Għalhekk din l-azzjoni, ukoll kif dedotta mill-attur, hija appoġġjata primarjament fuq l-eżistenza tal-iżball fil-waqt li sar il-ħlas. Għal dawn il-mottivi wkoll, it-tielet eċċezzjoni tal-Bank konvenut, li tistrieħ fuq l-assunzjoni li l-azzjoni attriċi hija *de in rem verso*, qed tiġi respinta.

14. Fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu, il-Bank konvenut jgħid li l-artikolu 1027 għandu jiġi applikat skont l-artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili. L-artikolu 2137 jgħid: «*Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss*». Din id-dispożizzjoni però tapplika dejjem <u>bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi</u>; l-artikolu 1027 fil-fatt bl-aktar mod ċar jgħid li

[5] Artikolu 1028B tal-Kodiċi Ċivili.
[6] Il Diritto Civile Francese (edizzjoni Naplitana tal-1864), Vol.VI, §59.

ż-żmien ta' sentejn jibda jgħaddi minn dakinhar li min ħallas jikxef l-iżball tiegħu, u għalhekk l-ewwel indaġni li trid issir minn din il-qorti huwa proprju dwar meta l-attur kixef l-iżball li jgħid li għamel.

15. Dwar il-preskrizzjoni eċċepita u bħalissa taħt eżami, intqal mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Giovanna Bugeja vs. Giuseppe Riccardo Bugeja*** (21/1/1921)[7]:

> Che la disposizione del detto articolo 733[8] dell'Ordinanza sopra citata è stata dal patrio legislatore introdotta per rimuovere il dubbio su cui si discute in dottrina, se cioè alla azione per indebito sia applicabile la stessa prescrizione stabilita dalla legge per le azioni di nullità o rescissione dei contratti, contemplata nell'articolo 930[9] della stessa ordinanza, e ciò siccome dagli interpreti per riguardo alla prescrizione applicabile all'azione in ripetizione si distingue il caso in cui il pagamento di indebito sia stato fatto da chi non era debitore od in esecuzione di contratto senza causa o fondato su causa illecita – nel quale caso non vi sarebbe alcun contratto nè quindi luogo a chiedere la nullità – dal caso in cui il pagamento abbia avuto luogo in virtù di un contratto nullo nel quale caso occorrebbe prima chiederne l'annullamento – (Vedasi Laurent – Principii di Diritto Civile Vol. XIX Numero marginale 30) – allo scopo di evitare quistioni nella determinazione della prescrizione applicabile ad azione per ripetizione d'indebito, il nostro legislatore con detta disposizione dell'articolo 733 ha stabilito la prescrizione biennale applicabile a qualsiasi specie di azione per indebito e parificandola nel termine e negli effetti alla prescrizione stabilita in detto articolo 930 per l'azione di rescissione dei contratti per le cause nello stesso articolo enunciate;
>
> Che quindi rapportandosi la prescrizione contemplata nell'articolo 733 di detta ordinanza a quella stabilita nell'articolo 930 della stessa legge, ne siegue che essa ne desume gli stessi caratteri e gli stessi estremi quali sono quelli della prescrizione estintiva…

16. Illi ġie ritenut li ż-żmien tal-preskrizzjoni maħsuba fl-artikolu 1027 jibda jgħaddi minn dakinhar li l-attur effettivament kixef l-iżball, u mhux minn meta seta' jinduna bl-iżball. F'dan is-sens ġie osservat fid-deċiżjoni ***Edward V. Spiteri vs. Francis A. Falzon***

[7] Kollezz. Vol.XXIV.i.650.
[8] Illum l-artikolu 1027 tal-Kodiċi Ċivili.
[9] Illum l-artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili.

(Appell Superjuri, 3/2/1958)[10]: «*Illi l-interpretazzjoni addottata minn dina l-Qorti hija wkoll konformi għal dik tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tal-ewwel ta' Lulju 1878 in re "Simon Rosa vs. Dr Alessandro Chapelle" (VIII, p. 533). Barra minn dan, kif qalet dina l-Qorti fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Jannar 1921 in re "Giovanna Bugeja vs. Giuseppe Riccardo Bugeja" (XXIV-I-652), il-leġislatur ipparifika l-preskrizzjoni ta' sentenza tal-indebitu, stabbilita fl-art. 1070 tal-Kodiċi Ċivili, fuq imsemmija, mal-preskrizzjoni ta' sentejn tar-rexissjoni tal-kuntratti stabbilita fl-art. 1267(1) tal-istess Kodiċi, sew għal dak li hu terminu kemm għal dak li huma effetti... Għaldaqstant, dak li jingħad għad-dekorriment tat-terminu tal-preskrizzjoni kontemplata fl-art. 1267(1) fuq imsemmi jgħodd xorta waħda għad-dekorriment tat-terminu tal-preskrizzjoni stabbilita fl-art. 1070 fuq imsemmi; u peress illi l-art. 1267(1) huwa bħal l-art. 1300 tal-Kodiċi Ċivili Taljan qadim, il-kommenti u l-interpretazzjoni ta' dan l-art. 1300 ta' dak il-Kodiċi Taljan jaqblu għall-art. 1267(1) tal-Kodiċi Tagħna. U preċiżament dak l-artikolu fil-ġurisprudenza taljana ġie nterpretat fis-sens li t-terminu tal-preskrizzjoni "ma jiddekorrix mill-ġurnata meta kien hemm possibilità li tiskopri l-qerq", fil-każ tagħna l-iżball, iżda biss minn dak li fih ġie effettivament skopert (Fadda, Giurisprudenza sul Codice Civile art. 1300, no. 309). B'konferma ta' dan, jista' wkoll jingħad li mill-konsultazzjoni ta' bosta awturi fuq din il-materja ma jirriżultax li ebda wieħed isostni t-teżi tal-appellant*». Interpretazzjoni din li ġiet imħaddna fi żmenijiet aktar riċenti fid-deċiżjoni ***Carmel Brand Company Limited vs. Worldwide Import and Export Company Limited*** (Appell Inferjuri, 22/5/2009).

17. Għalhekk huwa neċessarju li din il-qorti tiddetermina meta l-attur kixef dak li huwa jsejjaħ żball fil-ħlas li għamel, u mhux meta l-attur seta' jintebaħ b'dak l-iżball. Ovvjament, jekk se jirriżulta li fil-mument li l-attur ħallas, ma kien hemm ebda żball fis-sens tal-liġi, ikun ifisser li l-azzjoni tal-ħlas indebitu qatt ma twieldet, u mhux li dik l-azzjoni tkun ġiet preskritta. Dan kif miżmum fid-deċiżjoni ***Caterina Axisa vs. Negoziante Salvatore Xuereb*** (Kummerċ, 3/3/1903)[11]: «*Che l'azione nascente dal quasi contratto del pagamento e ricevimento d'indebito si prescrive col decorso si due anni dal giorno in cui quegli al quale compete abbia scoperto lo errore (art. 733 Ordinanza citata); Che però, nel caso in lite, trattasi di vedere non se la prescrizione*

[10] Kollezz. Vol.XLII.i.680.
[11] Kollezz. Vol.XVIII.iii.146.

*sia o no opponibile, ma piuttosto se l'azione sia o no mai nata; poichè a colui che volontariamente paga ciò che sa non essere dovuto non compete l'azione di ripetizione*».

18. Illi fir-rikors maħluf tiegħu, l-attur jippremetti illi «*meta l-attur għamel il-kalkoli tiegħu, huwa sab li l-intimat kellu jieħu ferm inqas minn din is-somma*». L-attur ma xehedx f'din il-kawża. Xehed però Charles Attard, il-konsulent finanzjarju tiegħu, li spjega li huwa ġie avviċinat l-ewwel darba mill-attur għall-parir tiegħu madwar xi sena qabel l-ewwel depożizzjoni tiegħu, li ngħatat fis-7 ta' Marzu 2018. Din il-qorti tqis li, mill-provi preżenti fl-atti, ma ntweriex li l-attur kixef l-iżball allegat minnu aktar minn sentejn qabel ġiet preżentata din il-kawża. Huwa magħruf li min jeċċepixxi l-preskrizzjoni għandu l-oneru tal-prova biex juri li dik il-preskrizzjoni bdiet tiddekorri u meta. Fin-nuqqas ta' dik il-prova, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tiġi milqugħa. Kif ġjà msemmi, l-Bank konvenut naqas milli jġib prova li l-attur kixef l-iżball allegat minnu aktar minn sentejn qabel saret din il-kawża.

19. Għalhekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-artikolu 1027 tal-Kodiċi Ċivili hija miċħuda.

Ikkunsidrat:

20. Il-Bank konvenut eċċepixxa wkoll, b'mod sussidjarju, l-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili.

21. Illi l-qorti tqis li l-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili m'hijiex applikabbli għall-azzjoni attriċi. Għalkemm il-Bank konvenut naqas milli jindika liema subinċiż tal-artikolu 2156 qed jinvoka preċiżament, dan mhux xkiel sabiex din il-qorti tqis l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni[12]. Din il-qorti hija tal-fehma li l-uniku subinċiż tal-artikolu 2156 li jista' remotament jitqies applikabbli għall-fattispeċi tal-każ odjern huwa s-subinċiż (f), li jolqot:

[12] Ara f'dan is-sens id-deċiżjoni ***Western Company Limited vs. Salvu Pisani et*** (Appell Superjuri, 30/11/2023) u l-ġurisprudenza fiha ċitata.

> azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku

22. Hija l-liġi stess allura li tagħmel din il-preskrizzjoni applikabbli «*…meta l-kreditu ma jkunx jaqa' ... taħt preskrizzjoni aqsar*». F'dan is-sens, il-ġurisprudenza qieset il-preskrizzjoni maħsuba fl-artikolu 2156(f) bħala preskrizzjoni "residwali" li tiġbor fiha dawk l-azzjonijiet għall-krediti funġibbli oħrajn li m'humiex espressament kontemplati f'xi liġi oħra. Fid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża ***Alf. Mizzi & Sons (Marketing Limited) vs. Dismar Company Limited***[13] intqal hekk:

> Għall-finijiet ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 irid jingħad li għalkemm il-kelma "kreditu" tfisser kull jedd *in personam* li jaqbel ma' kull obbligazzjoni ta' debitur, jidher li fil-qafas tal-artikolu 2156 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta il-kelma "kreditu" msemmija fil-paragrafu (f) tiegħu għandha tiġbor fiha biss jeddijiet li huma tal-istess bixra tal-jeddijiet imsemmija fil-paragrafi l-oħrajn tiegħu. Ta' min jgħid li ċ-ċirkostanzi kollha maħsubin fl-artikolu 2156 huma obbligazzjonijiet għall-hlas ta' flus u mhux obbligazzjonijiet *di fare*;
>
> Peress li l-preskrizzjoni "residwali" maħsuba taħt l-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 hija suġġetta għall-interpretazzjoni eiusdem generis, allura dan iġib miegħu l-effett li l-obbligazzjoni li kontra tagħha titressaq eċċezzjoni bħal din trid tkun waħda għall-ħlas ta' flus. Kemm hu hekk, ingħad li din il-preskrizzjoni tapplika għal żewġ ordni ta' krediti: jigifieri l-prestazzjonijiet aċċessorji jkunu liema jkunu, u wħud mill-prestazzjonijiet ewlenin jew prinċipali. Tal-ewwel jirrigwardaw dejjem oġġett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew ħaġa funġibbli bħalma huma l-flus

23. La darba, kif rajna, il-preskrizzjoni applikabbli għall-azzjoni tal-attur kienet dik maħsuba fl-artikolu 1027 (anki jekk l-eċċezzjoni relattiva ġiet miċħuda għaliex il-qorti ma sabitx li ddekorra ż-żmien tal-preskrizzjoni), isegwi li l-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2156(f) m'hijiex applikabbli.

[13] 12/10/2004, u konfermata fl-appell fil-25/5/2007.

24. Għalhekk anki l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2156 qed tiġi miċħuda.

Ikkunsidrat:

25. Illi fit-tieni eċċezzjoni tiegħu, il-Bank konvenut jeċċepixxi illi l-azzjoni tal-attur hija nsostenibbli għaliex huwa ma talabx ir-rexxissjoni tal-kuntratt tat-trasferiment tat-23 ta' Novembru 2011, u tal-kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu pubblikati fit-12 ta' Mejju 2009.

26. Illi din il-qorti qed tifhem din l-eċċezzjoni tal-Bank konvenut fis-sens illi la darba l-attur ma mpunjax il-kuntratti msemmija fl-istess eċċezzjoni, huwa jibqa' marbut u vinkolat minn dawk il-kuntratti u ma jistax jiddeduċi azzjoni li tmur kontra l-kontenut tal-istess kuntratti.

27. Huwa miżmum fid-duttrina legali li:

> Se il *solvens* ha dato una cosa in pagamento di un debito che, per errore, egli riteneva esistesse a suo carico, ha il diritto di ripetere la cosa pagata. Invece se uno ha venduto una cosa ad un'altra persona, di cui si credeva debitore, mentre in realtà non lo era, stipulando che il prezzo si compenserebbe col suo debito, non è ammesso a ripetere la cosa. Questa resta in proprietà del compratore. Ma il venditore ha diritto di domandare il pagamento del prezzo. Il suo credito infatti non è estinto, perchè non potè compensarsi con un debito, che non esisteva[14]

28. Illi ***Pothier*** spjega l-pożizzjoni kif ġej:

> Quando io abbia venduta una cosa per la somma di tanto, che sarebbe in compenso di eguale somma che io credeva dovervi; se io arrivo a scoprire che non ne era debitore, o che non montava a tanto, io non posso ripetere la cosa che vi ho venduta; ma posso soltanto ripetere da voi il prezzo che per errore ho compensato con una somma che io non vi doveva. L'azione che mi si compete contro di voi è l'azione *ex vendito, quae datur ad pretium consequendum*. Al contrario, quando io vi abbia data una cosa in pagamento di una somma che per errore credeva dovervi, è la cosa stessa

[14] ***Baudry Lacantinerie et Barde***, Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Obbligazioni, Vol.II, §1686I.

> che io ho diritto di ripetere da voi; perchè in questo caso la mia azione è quella che si chiama *condictio indebiti per errorem soluti*, o *condictio sine causa*, le quali azioni hanno par oggetto la ripetizione della cosa che è stata pagata.
>
> Similmente, quando io vi abbia data una cosa in pagamento di una somma di 200 lire che io credeva dovervi, quantunque non vi dovessi che lire 100; non sono le lire cento che io posso ripetere, ma la cosa: ed io devo ripeterla intiera, coll'offerta di pagarvi le lire cento che vi doveva…[15]

29. Hekk ukoll kitbu ***Marcadè***[16] u ***Laurent***[17].

30. Illi meta wieħed jeżamina l-kuntratt tat-23 ta' Novembru 2011, isib li fil-verità dak il-kuntratt sar fil-forma ta' bejgħ, bi prezz konvenut li ġie ddikjarat paċut għas-saldu ta' dejn dovut mill-attur venditur lill-Bank konvenut kumpratur. Skont allura d-duttrina fuq ċitata, strettament ir-rimedju tal-attur m'huwiex li jitlob il-ħlas tal-indebitu, kif qed jagħmel, imma huwa li jitlob il-ħlas ta' dak l-ammont li, skont hu, ma ġiex paċut għax l-ammont li miegħu saret it-tpaċija fir-realtà kien inqas minn dak dikjarat dovut, u għalhekk jifdal ammont dovut lilu taħt titolu ta' bilanċ tal-prezz tal-bejgħ. Din, però, m'hijiex l-eċċezzjoni li għandha quddiemha l-qorti.

31. Il-Bank konvenut ukoll, fir-risposta ġuramentata tiegħu, iqis il-kuntratt tat-23 ta' Novembru 2011 bħala wieħed ta' *datio in solutum*, u dan minkejja l-kontenut. Però, u dejjem skont l-istess duttrina, anki jekk wieħed kellu jqis dan il-kuntratt bħala *datio in solutum*, l-attur kellu l-obbligu li mhux jitlob ħlas fi flus iżda li jitlob li jingħata lura l-oġġett minnu mogħti, kontra l-ħlas tal-ammont korrett dovut minnu. Fi kliem ieħor, l-attur kellu jitlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt tat-23 ta' Novembru 2011.

32. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li meta jsir *datio in solutum*, id-debitur u l-kreditur ikunu qed jaqblu li l-ħlas tal-obbligazzjoni ssir f'forma differenti minn dik oriġinarjament miftehma. Hekk, per eżempju, f'mutwu ta' flus, il-ftehim oriġinali hu li l-ħlas lura jsir ukoll bi flus. Jekk sussegwentement id-debitur u l-kreditur jiftehmu li l-mutwu jitħallas lura permezz ta' proprjetà immobbli, tkun qiegħda effettivament isseħħ

[15] Trattato del Contratto di Vendita (Napoli, 1820), Vol.II, §602.
[16] Corso Elementare di Diritto Civile Francese (Napoli 1858), Vol.IV, re articolo 1583 §IV.
[17] Principii di Diritto Civile, Vol.XXIV, §152.

bidla fil-kuntratt oriġinali li minnha nnifisha hija wkoll kuntratt[18] u b'hekk teħtieġ il-kunsens taż-żewġ partijiet. Issa allura li l-kuntratt inbidel u sar ħlas bi proprjetà immobbli, id-debitur ma jistax jaqbad u minn rajh jippretendi li l-ħlas żejjed li għamel jieħdu lura fi flus kontanti, biex b'hekk unilateralment ibiddel il-ftehim li issa ġie modifikat bil-kunsens reċiproku tad-debitur u tal-kreditur.

33. Dak hu preċiżament dak li qed jipprova jagħmel l-attur b'din il-kawża.

34. Wara li hu u l-Bank konvenut ftehmu li d-dejn dovut minnu, u li kellu jitħallas lura fi flus, issa jitħallas bit-trasferiment ta' immobbli, qed jippretendi li jieħu lura fi flus kontanti dak il-ħlas żejjed li huwa jgħid li għamel permezz tat-trasferiment tal-immobbli. Dan però mhux permissibbli li jsir jekk mhux bir-rexxissjoni tal-kuntratt intier. Hija r-rexxissjoni li tista' hawnhekk treġġa' lura l-qagħda tal-kontendenti għal qabel ma sar il-ħlas.

35. Din il-pożizzjoni legali tidher li hija riflessa wkoll fil-Kodiċi tagħna, permezz tal-artikolu 1024 tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid hekk: «*Dak li mingħajr jedd ikun irċieva xi ħaġ'oħra, li mhix flus, illi tkun għadha għandu, hu obbligat irodd il-ħaġa nfisha lil dak li minn għandu jkun irċevieha*».

36. Però s-sitwazzjoni tinbidel meta l-kreditur li jkun irċieva ħaġa determinata u mhux funġibbli mingħand is-*solvens* ikun neħħa dik il-ħaġa mill-patrimonju tiegħu, kif seħħ fil-każ odjern[19]. Meta jseħħ hekk, il-liġi tippermetti lis-*solvens* jitlob mingħand il-kreditur il-valur tagħha, skont jekk il-kreditur ikunx *in mala fede* jew *in bona fede* (viz. artikolu 1025 tal-Kodiċi Ċivili). Kif ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni ***Rosaria Zammit vs. Lorenzo Micallef*** (17/2/1921): «*Attesocchè cosi per effetto della massima canonizzata negli articoli 730 e 731[20] dell'Ordinanza No. VII del 1868 combinati coll'articolo 1564 stessa Ordinanza il convenuto che ha indebitamente ricevute le cose dategli dall'attrice e che tutt'ora non esistono per essere state*

---

[18] Ara l-artikolu 960 tal-Kodiċi Ċivili.
[19] Ara l-kuntratt eżebit a folio 59.
[20] Illum l-artikoli 1024 u 1025 tal-Kodiċi Ċivili.

*consumate sia dal convenuto medesimo sia dai costui parenti, deve restituirne il valore*»[21].

37. Dan allura jfisser li, għax l-immobbli mogħti mill-attur lill-Bank konvenut ma baqgħax għand il-Bank konvenut, l-attur ma kienx aktar obbligat li jitlob lura l-immobbli mingħand il-Bank, imma kellu d-dritt jitlob il-valur skont iċ-ċirkostanzi previsti fl-artikolu 1025. Għalhekk it-talbiet tal-attur f'din il-kawża, li huma għall-ħlas ta' somma ta' flus, jistgħu jitqiesu konformi ma' dak li trid il-liġi, anki jekk bl-applikazzjoni tar-regola tal-ekwipollenza.

38. Għalhekk din it-tieni eċċezzjoni tal-Bank konvenut qed tiġi riġettata.

Ikkunsidrat:

39. Illi kif diġà aċċennat, l-azzjoni tal-ħlas indebitu maħsuba fl-artikoli 1021 u 1022 tal-Kodiċi Ċivili hija appoġġjata fuq l-iżball, u ċjoè l-iżball f'min ħallas. Hija ġurisprudenza kostanti dik li teskludi din l-azzjoni fejn l-iżball invokat ma jkunx wieħed skużabbli. «*Iżda, jekk ma ssirx il-prova ta' dak l-iżball fis-"solvens", u b'mod speċjali jekk ssir il-prova li dak is-"solvens" kien jaf biċ-ċirkustanzi li mħabba fihom hu ma kienx tenut għall-ħlas, allura ma għandux id-dritt għar-ripetizzjoni ta' dak li ħallas, għaliex "indebitum solutum sciens non recte repetit" (L.9, Condict. Indeb.). F'dan il-każ, min ikun ħallas ma jkollux raġun jilmenta, u "imputet sibi" jekk kellu xi dannu (Toullier, Vol.VI, no. 62; Laurent, Vol.XX numri 341, 352, 353, 354; u Duranton, Vol. VII, numru 677 et seq.)*»[22].

40. Illi qabel kollox però, din il-qorti trid tara jekk hux tassew li jeżisti dan l-iżball, u ċjoè fi kliem ieħor jekk hux minnu li l-Bank konvenut tħallas aktar minn dak li kien dovut lilu. Huwa biss jekk jirriżulta li kien hemm dan il-ħlas żejjed li mbagħad ikun hemm il-ħtieġa li jiġi eżaminat għaliex sar dan il-ħlas żejjed u jekk dik ir-raġuni tammontax għal żball li jilleġittima l-azzjoni odjerna.

[21] Kollezz. Vol.XXIV.ii.480.
[22] ***Alfred Tonna et vs. Carmela Bugeja et*** (Appell Superjuri, 8/2/1957) – Kollezz. Vol.XLI.i.76. Fl-istess sens hija wkoll id-deċiżjoni ***Korporazzjoni Enemalta vs. Renato Sacco et*** (Appell Inferjuri, 16/12/2002).

41. Illi rriżulta li l-attur iffirma tliet kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu, u f'ebda waqt ma ntqal jew ġie allegat li l-ammonti ndikati f'dawn it-tliet kuntratti kien ħażin jew żbaljat. F'dawk l-istess tliet kuntratti, ġie miftiehem bl-aktar mod ċar li b'effett minn dakinhar, u ċjoè mit-12 ta' Mejju 2009, kellu jibda jiddekorri l-imgħax bir-rata ta' 8% fis-sena, jew rata oħra fid-diskrezzjoni tal-Bank. Dan huwa kjarament stipulat fil-kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu li l-attur iffirma liberament u volontarjament, u għalhekk mhux leċitu li jingħad li l-attur ma kienx obbligat li jħallas l-imgħax bir-rata ta' 8% fis-sena b'effett mit-12 ta' Mejju 2009.

42. Illi allura b'effett mit-12 ta' Mejju 2009, l-attur kien obbligat li jħallas lill-Bank konvenut skont dak miftiehem fit-tliet kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu ffirmati minnu. Skont il-perizja espletata mill-perit komputista nominat fuq talba tal-attur stess, l-ammont totali dovut lill-Bank konvenut skont l-istess kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu sat-23 ta' Novembru 2011 kien jammonta għal €814,038.26, li jfisser li l-Bank konvenut irrinunzja għas-somma ta' €14,038.26. Ifisser allura li ma kien hemm ebda ħlas żejjed mill-attur.

43. Għall-kompletezza, din il-qorti tosserva wkoll li l-fatt li fit-tliet kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu ġie kapitalizzat l-imgħax dekors lanqas ma jassisti lill-attur f'din il-kawża. Apparti l-fatt li l-attur mhux qed jimpunja dawn it-tliet kuntratti, din il-qorti ma tarax li l-kapitalizzazzjoni tal-imgħaxijiet dekorsi fuq id-dejn dovut mill-attur sat-12 ta' Mejju 2009 sar bi ksur ta' xi liġi. Ċivilment, il-materja hija regolata mill-artikolu 1142 tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdi kif ġej: «*L-imgħaxijiet magħluqa jistgħu jagħtu mgħaxijiet oħra, sew bis-saħħa tad-disposizzjonijiet tal-artikoli ta' qabel dan, minn dak in-nhar tat-talba ġudizzjarja għaldaqshekk jew bi ftehim li jsir wara li jagħlqu, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, l-imgħaxijiet ikollhom jingħataw għal żmien ta' mhux anqas minn sena*». Din id-disposizzjoni hija ċara. Imgħaxijiet magħluqa jistgħu biss jagħtu imgħaxijiet oħrajn minn dakinhar li ssir talba ġudizzjarja għaldaqshekk, jew inkella <u>bi ftehim li jsir bejn il-partijiet wara li jagħlqu dawn l-imgħaxijiet, basta l-imgħaxijiet li jkunu magħluqa jkunu dovuti għal żmien li ma jkunx inqas minn sena</u>, kif effettivament jirriżultaw li kienu.

44. Għalhekk, la darba jirriżulta li l-attur ma ħallas ebda somma żejda lill-Bank konvenut, l-azzjoni tiegħu tfalli.

45. Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq spjegati, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-artikolu 1027 tal-Kodiċi Ċivili;

(ii) tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili;

(iii) tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-Bank konvenut;

(iv) tilqa' r-raba' eċċezzjoni tal-Bank konvenut;

(v) tiċħad it-talbiet kollha tal-attur;

(vi) tordna li l-ispejjeż tal-kawża jinqasmu in kwantu għal terz sopportabbli mill-Bank konvenut, u in kwantu għal żewġ terzi sopportabbli mill-attur.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur